Qorti ta' l-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell Civili numru:- 41/12AE

**Carmelo sive Charles u Mariella konjuġi Foca (ID 462371M u 496675M rispettivament)**

**Vs**

**Alf. Mizzi & Sons Limited (C203) u Alexander sive Alec Mizzi (ID 511256M) f'ismu proprju, għal kull interess li jista' jkollu, David Zammit (ID 416678M), Atlas Insurance PCC Limited (C5601)**

L-Erbgha, 16 ta' Marzu 2016.

Permezz t'avviż ippreżentat fiċ-Ċentru Malti tal-Arbitraġġ, Arbitraġġ Numru M2675/2011, ir-rikorrenti talbu ħlas ta' €6,000 danni minħabba ħsara fil-gallerija kkawżata meta fl-14 t'April 2009, ħabtet magħha vettura misjuqa mill-intimati jew min minnhom.

Alf. Mizzi & Sons Limited (C203) u Alexander sive Alec Mizzi (ID 511256M) f'ismu proprju wieġbu li r-rikorrenti jridu jġibu prova li huma sidien tal-fond li fih kien hemm il-gallerija; li ma kinux leġittimi kontradittur; li l-ammont ta' danni mitlub kien esaġerat u ma kinux kollha kkawżati mill-inċident; u li r-rikorrenti kellhom iġibu prova tad-danni.

David Zammit u Atlas Insurance PCC Limited wieġbu li r-rikorrenti jridu jġiebu prova li huma sidien tal-fond li fih kien hemm il-gallerija; li jaċċettaw li l-inċident seħħ tort ta' David Zammit iżda jikkontestaw id-danni li kienu esaġerati u mhux kollha kkawżati mill-inċident; r-rikorrenti kellhom iġibu prova tad-danni.

Permezz ta' lodo mogħti fil-5 t'Ottubru 2012, it-Tribunal tal-Arbitraġġ ċaħad l-eċċezzjoni, miġjuba mill-konvenuti kollha, li r-rikorrenti riedu jippruvaw li huma s-sidien tal-fond fejn kien hemm il-gallerija; iddikjara li l-konvenuti Alf Mizzi & sons u Alexander Mizzi mhumiex leġittimi kontradittur; iddikjara lil David Zammit unikament responsabbli għall-inċident u għad-danni kif stabbiliti mill-AIC David Pace; illikwida d-danni fis-somma ta' €250 u kkundannat lil David Zammit u Atlas Insurance PCC solidalment bejniethom biex iħallsuha.

Ir-rikorrenti ħassewhom aggravati b'dan il-lodo u appellaw minnu. L-aggravju tagħhom huwa (i) li ma jaqblux mal-likwidazzjoni tal-ammont billi żewġ periti nkarikati rispettivament mir-rikorrenti u mill-intimati illikwidaw somom ikbar

għalkemm ma qablux bejniethom dwar il-kwantum u (ii) ma qablux mal-kap tal-ispejjeż li kkundannahom iħallsu nofs l-ispejjeż tal-arbitraġġ.

David Zammit u Atlas Insurance PCC Limited wieġbu li l-appell hu null għax sar bi ksur tal-Artiklu 70C(2) tal-Kap 387; li din il-Qorti bħala qorti ta' reviżjoni ma tiddisturbax leġġerment id-diskrezzjoni fl-evaluwazzjoni tal-provi magħmula mill-prim'istanza Huma appellaw inċidentalment dwar il-kap tal-ispejjeż bl-aggravju li l-appellanti kellhom iħallsu l-ispejjeż taż-żewġ istanzi.

Alf Mizzi & Sons u Alexander Mizzi wieġbu li l-appell hu null għax sar bi ksur tal-Artiklu 70C(2) tal-Kap 387 u li sewwa ddeċieda l-Arbitru li mhumiex leġittimi kontradittturi.

**Decizjoni tal-Arbitru tal-5 ta' Ottubru 2012**.

L-Arbitru wasal għad-deċiżjoni tiegħu wara li:-

*"13..... ikkonsidra illi fit-tweġibiet in eskussjoni l-Perit Tekniku AIC David Pace maħtur f'dan l-arbitraġġ filwaqt li għamel riferenza għar-ritratti esibiti u għal dak li hu kkonstata viżwalment fuq il-post, ikkonferma definittivament il-konklużjonijiet tiegħu kif esposti fir-rapport, partikolarment dwar il-ħsara illi fil-fehma professjonali tiegħu oriġinat mill-inċident de quo.*

*"Ikkonsidra illi b'kull rispett dovut lejn il-professjonalita` tal-Perit Farrugia, l-opinjonijiet espressi kemm fir-rapport tiegħu esibit fl-atti, kif ukoll waqt id-deposizzjoni tiegħu fis-seduta tat-23 ta' Lulju 2012 ma jirriżultawx konvinċenti, u anqas tali li jdajjfu l-konklużjonijiet raġġunti mill-AIC David Pace.*

*"L-arbitru wara li ra l-provi kollha mressqa f'dan l-Arbitraġġ, ma jsibx ebda raġuni li minħabba fiha għandu jiddepartixxi mill-konklużjoni teknika tal-(perit) David Pace dwar il-ħsara li ġarrbet il-gallerija tar-rikorrenti fl-inċident de quo. L-arbitru jikkondividi pjenament il-konklużjonijiet tal-Perit Tekniku AIC David Pace, kemm għal dak li jirrigwarda l-ħsarat li ġew kawżati effettivament fil-gallerija tar-rikorrenti b'riżultat tal-inċident in meritu, u kemm għal dak li jirrigwarda l-istima tal-ispejjeż biex issir it-tiswija tal-istess ħsara".*

**Konsiderazzjoni**.

B'riferenża ghall-eċċezzjoni preliminari ta' Alf. Mizzi & Sons Limited u Alec Mizzi, il-qorti tosserva li f'każ ta' nuqqas ta' notifika tal-appell lill-Arbitru u liċ-Ċentru tal-Arbitraġġ, il-liġi ma tikkontemplax li tali nuqqas iwassal ghal nullita' tal-appell. Dan minkejja li tiffissa terminu li fih għandu jigi notifikat ir-rikors tal-appell.

Fil-meritu l-kaz jitratta dwar inċident tat-traffiku li sehh fl-14 ta' April 2009 u li fih gallarija fi Triq Manwel Dimech, Sliema giet milquta minn vann Iveco bin-numru TFJ-181 li kien qieghed jinstaq minn David Zammit. Il-vann kien assigurat ma' Atlas Insurance PCC Limited.

Illi f'sitwazzjoni ta' rapporti konfliġġenti ta' esperti, il-Qrati tagħna kellhom okkażjoni li joħorġu b'dawn ir-riflessjonijiet:

*"Kif diga` intqal f'din is-sentenza, l-ewwel Qorti kellha quddiemha zewg opinjonijiet teknici pjuttost konfliggenti. L-ewwel Qorti ghazlet li timxi u taghmel taghha l-konkluzjonijiet u l-opinjonijiet espressi mill-periti nominati minnha u ma mxietx fuq l-opinjoni teknika tal-Perit Torpiano. Huwa risaput illi l-perizja hija wiehed mill-modi kif wiehed jaghmel il-prova f'kawza. Fl-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti tal-provi relevanti u cioe` fil-valutazzjoni taz-zewg opinjonijiet konfliggenti teknici li kellha quddiemha, ma giex muri li l-ewwel Qorti nkorriet f'xi zball wisq inqas f'xi zball manifest. Konsegwentement, din il-Qorti ma tara l-ebda raguni ghala ghandha tiddisturba d-diskrezzjoni li uzat l-ewwel Qorti fl-apprezzament tal-provi relattivi ghall-opinjonijiet teknici espressi fl-atti tal-kawza. Ghalhekk anke dana l-aggravju ma jistax jintlaqa"*[1];

It-trattat eminenti Ingliż, **Phipson on Evidence**[2] jgħid:-

*"Where there are conflicting views of the experts, a trial judge should explain why he has preferred one expert to the other. On appeal the appellate court is very slow to interfere with a trial judge's views on the quality of the expert witnesses he has heard."*.

L-istess trattat jissokta jikkummenta hekk dwar il-kwalitajiet li wieħed jistenna mill-esperti fid-dinja tallum:

*"As with civil proceedings, in criminal proceedings the trend in recent years has been to expect the highest standards of experts, who are expected to assist the court with balanced and well researched and presented evidence. More and more, the expert is someone with considerable experience in giving expert evidence, whose work as an expert is not an insignificant source of income. The importance of high quality and balanced expert evidence is all the more important in the criminal sphere, where the liberty of an individual is at stake."*[3].

Peter Murphy, awtur ta' **Murphy on Evidence**[4] jikkummenta hekk fuq l-esperti:

*"In civil cases, the admissibility of expert evidence is now circumscribed by the Civil Procedure Rules 1998, which effectively supersede the right of the parties at common law to present expert evidence as they see fit. The new rules are based on the perceptions contained in the Woolf Report that the free admission of expert evidence in civil cases was a serious evil which promoted an industry of highly paid experts who tended to render opinions in accordance with the needs of the parties by whom they were retained."*[5].

*"The requirement of independence is driven home by the provisions of rule 35.3 of the Civil Procedure Rules 1998:*

*'(1) it is the duty of an expert to help the court on the matters within his expertise.*
*'(2) this function overrides any obligation to the person from whom he has received instructions or by whom he is paid.'"*.

---

[1] **Bank of Valletta plc v. AIC Victor Bigeni u Carmel Bigeni**, l-1 ta' Frar 2008 Qorti tal-Appell (Superjuri).
[2] Edizzjoni 18, Sweet & Maxwell, 2013, para 33-51, pagna 1183.
[3] op.cit., para 33-53, pagna 1183.
[4] Tmien Edizzjoni, Oxford University Press, 2003.
[5] ibid., page 373.

Il-liġi tagħna, filwaqt li permezz tal-Artiklu 563A tal-Kap 12 introdott bl-emendi estensivi tal-1995, tagħmel ammissibbli opinjonijiet esperti *ex parte*, pero' dan tagħmlu bla preġudizzju għall-jedd tal-qorti li taħtar espert hi kif ukoll bla ma torbot lill-Qorti taċċetta rapport kontra l-konvinċiment tagħha (artiklu 681 Kap 12).

Fil-kors tal-ġbir tal-provi, l-Arbitru nkariga lill-perit David Pace sabiex jagħti opinjoni. Perit li għandu snin twal ta' esperjenza fil-Qrati. Il-provi jinkludu rapport *ex parte*, datat:

i. 24 ta' April 2009 li ppreżenta r-rikorrent, li jagħti stima tal-ħsara fis-somma ta' sitt elef ewro (€6,000);
ii. 20 ta' Jannar 2011 li pprezentaw l-intimat, li jagħti stima tal-hsara fis-somma ta' elf disa' mija u sebgha u erbghin ewro (€1,947);

Min-naħa l-oħra l-perit David Pace ta stima ta' mitejn u hamsin ewro (€250). Fir-rapport qal:-

*"L-esponent, wara illi eżamina l-provi mressqa, kif ukoll ikkonstata l-ħsarat eżistenti fuq il-post, jikkonkludi kif ġej:*

1. *Il-ħsarat li hemm fuq il-kantuniera tax-xellug tal-gallarija huma qodma u ma ġrawx kawża tal-incident in kwistjoni. Għandu jiġi osservat illi l-bastun tal-gallarija fih daqqa illi juri mpatt frontali u mhux wieħed imġenneb. Dana għandu jittieħed in konsiderazzjoni fi kwalunkwe likwidazzjoni ta' ħsarat fl-istruttura tal-aluminium;*
2. *Il-brix ħafif fix-xewka ta' taħt tal-konkos matul il-faċċata wkoll ma jirriżultax li ġie kkawżat bħala riżultat tal-inċident;*
3. *Il-ħsarat li hemm fil-kantuniera tal-lemin jidher illi ma sarux f'inċident wiehed. Il-konkos li ġie espost juri partijiet li huma suwed riżultat tad-duħħan tat-traffiku. Anke l-bastun milqut tal-aluminium juri l-istess effetti ta' ħmieg. Imbagħad hemm brix frisk minn taħt, u fil-ġenb hemm roqgħa fejn il-kisi w iż-żebgħa nġibdu 'l barra. Fl-opinjoni tal-esponent hija din il-ħsara tal-aħħar illi ġrat kawża tal-inċident in kwistjoni.*
4. *It-tiswija tinkludi rikostruzzjoni tal-kisi u zebgħa milquta illi huma stmati fl-ammont ta' €250".*

Skond l-opinjoni tal-perit Pace, fl-inċident meritu tal-kawza l-gallarija tal-aluminju ma ntlaqtitx. M'huwiex daqstant ċar kif il-perit Pace kkonkluda li l-istruttura tal-aluminju, in-naħa tal-lemin, ma ntlaqtitx mill-vettura. In eskussjoni l-perit Pace xehed: *"Ikkonkludejt ilil b'riżultat tal-inċident in meritu grat ħsara biss fil-concrete tal-gallarija, u speċifikatament fix-xewka tal-lemin meta tħares lejn il-gallarija kif juru r-ritratti 3 u 4 mehmuża mar-rapport tiegħi. F'dan il-punt kien hemm ħsara li tidher ġdida, u ħsara ohra li kienet tidher illi saret qabel. L-aluminium jidher illi kien ġralu ħsara f'inċident qabel. Kien jidher illi d-daqqa fuq il-metal kienet ilha li saret"*. Jekk il-konklużjoni hi bażata fuq 'il fatt li fuq l-aluminju kien hemm ħmieġ b'riżultat tad-duħħan tat-traffiku, jirriżulta li l-inċident seħħ fl-14 ta' April 2009 u l-perit David Pace ghamel aċċess fl-24 ta' Novembru 2011, cjoe' iktar minn tletin (30) xahar wara li seħħ l-inċident. Hu fatt magħruf

kemm Triq Manwel Dimech hi triq traffikuża u l-qorti taraha diffiċli li dakinhar tal-aċċess kienu għadhom jidhru l-marki friski tal-inċident li seħħ fl-14 ta' April 2009. Fil-fatt il-perit Mark Montebello, li ġie nkarigat bhala espert *ex parte* mill-kumpannija ta' assikurazzjoni, f'rapport datat 20 ta' Jannar 2011, irrelata: *"It must be noted that the accident took place on the 14th April 2009, one year and eight months prior to my inspection. Hence, the damages being surveyed* ***were not fresh and had weathered over this period of time****"* (enfażi tal-qorti).

Min-naħa l-oħra r-rikorrent xehed li *"l-gallerija intlaqtet f'żewġ postijiet ċjoe` ż-żewġ trufijiet tagħha".*[6] Il-perit Johann Farrugia, inkarigat mill-appellant *a tempo vergine*, jistqarr li fl-opinjoni tiegħu il-ħsara kollha li kellha l-gallerija ġrat f'inċident wieħed, minkejja li: *"liema u fejn hu l-ispot of impact ma stabbilejtux, iżda rajt il-ħsara globalment".* Il-Perit Farrugia ma jgħidx fuq x'hiex jibbaża l-opinjoni tiegħu li l-ħsara seħħet kollha fl-istess incident. Verżjonijiet li għal qorti m'humiex kredibbli meta tqies il-manuvra li saret minn Zammit u wkoll li l-perit David Pace rrelata: *"... l-bastun tal-gallarija fih daqqa illi juri mpatt frontali u mhux wieħed imġenneb".*

Fir-rigward tal-aluminju tal-gallarija, f'ittra datata 20 ta' April 2010 mibgħuta minn Atlas Insurance lill-appellant, Steve Conti kiteb:-

*"Therefore our settlement has to be based on the amount of damage which was caused by this accident only which is the right hand side corner of the balcony.* ***As regard the aluminium works the only distortion caused by the impact is the bottom corner frame and unfortunately we can notice various other damages due to wear and tear on the structure****"* (enfażi miżjuda).

Hu minnu li x-xufier tal-vann xehed li fl-incident ma ntlaqatx l-aluminju. Il-qorti ma tifhimx kif waqt l-inċident Zammit seta' jagħamel distinżjoni bejn il-konkos u l-aluminju, meta hu kien qiegħed isuq il-vann u jagħmel manuvra biex jidħol fi triq sekondarja. Żgur li ma kellux viżwali ta' dik il-parti tal-gallarija li ntlaqtgħet mill-vann. Meta l-qorti tqies il-manuvra li għamel Zammit, fuq bażi ta' probabilita' kif intlaqat il-konkos intlaqat ukoll il-bastun tal-aluminju, kif wara kollox iddikjara Steve Conti fl-ittra tal-20 ta' April 2010 fejn qal ukoll *"I have personally inspected these damages .....".* Ir-ritratti stess tal-vann mehudin viċin il-gallarija jikkonfermaw li l-għoli tal-kaxxa taqbeż il-konkos. Dan apparti li fir-rapport tal-perit Mark Montebello jingħata x'jifhem li fl-inċident l-aluminju ġie milqut għalkemm ma kienx f'posizzjoni jidentifika l-estent tal-ħsara. Fir-rapport jingħad: *"The aluminium framework enclosing the balcony has various dents on all sides and has also been visibly twisted slightly sideways, towards the right-hand side. However, it was not possible to clearly identify the extent of these damages which is attributable to the accident in question".*

Min-naħa l-oħra ghall-qorti hu evidenti li l-appellanti qegħdin jipprovaw jinqdew

---

[6] seduta tas-6 ta' Settembru 2011.

b'dan l-incident minuri sabiex jottjenu kumpens iktar milli jixraq. Mill-provi li saret riferenza għalihom hawn fuq, hu evidenti li kien hemm drabi oħra meta l-gallarija giet milquta u għalhekk l-appellanti m'għażlux it-triq tal-onesta'.

Fil-fehma tal-qorti l-kostatazzjonijiet li ghamel il-perit Montebello [7] u r-raġunament tieghu jagħmel sens u l-qorti ser taddotta l-konklużjoni tiegħu. F'dan ir-rigward ghall-qorti hu evidenti li:

i. L-aluminju jidher li kien ilu snin twal li twaħħal;
ii. Fuq l-aluminju hemm daqqiet li bla dubju m'għandhom x'jaqsmu xejn mal-inċident in kwistjoni;
iii. Fir-rigward tal-frame tal-aluminju, il-ħsara li saret fl-inċident hi limitata ghall-bastun li hemm fuq in-naħa tal-lemin tal-gallarija. Għalkemm jista' jkun li ekonomikament ikun iktar vijabbli li jsir frame ġdid milli ssir tiswija tal-frame eżistenti, madankollu l-ħġieġ li hemm jista' jerga' jintuża.

Għaldaqstant ser tvarja d-deċiżjoni tal-Arbitru tal-5 ta' Ottubru 2012 u tillikwida d-danni fis-somma ta' **elf disa' mija u sebgha u erbghin ewro (€1,947)**.

L-imghax jiddekorri mil-lum ġialadarba l-appellanti bla raġuni rrifjutaw l-offerta ta' ħlas li saritilhom minn Atlas Insurance PCC Limited qabel bdew il-proċeduri u sal-aħħar baqgħu jippretendu l-ħlas ta' sitt elef ewro (€6,000).

Għal dak li jirrigwarda l-ispejjeż tal-arbitraġġ, hi l-fehma tal-qorti li dawn għandhom jagħmlu tajjeb għalihom ir-rikorrenti li pprovokaw dawn il-proċeduri bla bżonn. Permezz ta' ittra datata 20 ta' April 2010 Atlas Insurance PCC Limited offriet il-ħlas ta' elfejn ewro (€2,000). Madankollu b'ittra datata 12 ta' Mejju 2010 l-appellanti rrifjutaw l-offerta u sussegwentement intavolaw proċeduri ta' arbitraġġ mandatorju fejn talbu l-ħlas ta' sitt elef ewro (€6,000). L-appellati għandhom ukoll raġun jilmentaw mill-fatt li l-Arbitru akkolla fuqhom parti mill-ispejjeż ta' Alf. Mizzi & Sons Limited u Alexander sive Alec Mizzi. Ladarba ddikjara li m'humiex il-leġittimi kontraditturi, ifisser li tħarrku bla bżonn. Għaldaqstant l-appellanti ghandhom jagħmlu tajjeb ghall-ispejjeż tagħhom. M'hemm l-ebda raġuni għalfejn l-appellati Zammit u Atlas Insurance PCC Limited għandhom jagħmlu tajjeb ghal parti mill-ispejjeż ġudizzjarji ta' persuni li qatt ma messhom kienu parti fil-proċeduri.

**Ghal dawn il-motivi tiddeċiedi l-appell u l-appell inċidentali billi tilqa' l-appell parzjalment u tilqa' l-appell inċidentali u tvarja d-deċiżjoni tal-Arbitru tal-5 ta' Ottubru 2012 fis-sens:**

**i. Tillikwida d-danni li għandhom jitħallsu lill-appellanti fis-somma ta' elf disa' mija u sebgha u erbghin ewro (€1,947),**

[7] Mill-atti jirriżulta li r-rapport ġie kkonfermat bil-ġurament fid-9 ta' Diċembru 2011.

**u tikkundanna lill-appellati David Zammit u Atlas Insurance PPC Limited sabiex ihallsu din is-somma lill-appellanti.**

**ii. Tordna li l-imghax jiddekorri mil-lum u l-ispejjeż tal-ewwel istanza jkunu a karigu tal-appellanti, inkluż dawk ta' Alf. Mizzi & Sons Limited u Alexander sive Alec Mizzi.**

**Spejjeż tal-appell jinqasmu nofs bin-nofs bejn l-appellanti u l-appellati David Zammit u Atlas Insurance PCC Limited, ġialdarba l-appell ġie parzjalment milqugħ. Spejjeż relatati mal-appell inċidentali a karigu tal-appellanti. Spejjeż tal-intimati Alf. Mizzi & Sons u Alexander Mizzi huma a karigu tal-appellanti**.

Anthony Ellul.